**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 643/02 AJD**

**George Borg**

**vs**

**David Coleiro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u hames centezmi (Lm329.05), rapprezentanti servizzi ta' garr ta' materjal relatat mal-kostruzzjoni u servizzi ohra relatati mal-kostruzzjoni, provduti mill-attur lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Jannar, 2002, u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u

jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u hames centezmi (Lm329.05), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**